# Mal-medda tas-snin tal-Knisja Parrokkjali tagħna

Miġbur minn Raoul Briffa

Bla ebda dubbju l-Parroċċa tagħna għaddiet minn ħafna u kif jaf kulħadd għandha storja ferm interessanti. Permezz ta' dan l-artiklu ser nagħtu ħarsa lejn l-anniversarji importanti li jaħbtu ma' din is-sena.

**1692 – 325 sena**
F'din is-sena wkoll x'aktarx li ġiet skolpita fl-injam l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju u li aktar tard bdiet tintuża wkoll bħala l-Madonna taċ-Ċintura u l-Madonna tal-Warda. Din l-istatwa tinsab meqjuma f'niċċa ħdejn il-bieb prinċipali tal-Knisja tagħna.



**1842 – 175 sena**
Għall-festa ta' Sant'Andrija ġew imżanżna sett ta' 12-il Appostlu skolpiti fl-injam u indurati bil-fidda biex jintramaw fuq l-artal maġġur tal-knisja parrokkjali fil-jiem tal-festa titulari.

**1882 – 135 sena**
Il-Kongregazzjoni tat-Terz'Ordni Franġiskan twaqqfet nhar il-Ħadd 19 ta' Novembru, f'għeluq is-seba' ċentinarju mit-twelid ta' San Franġisk t'Assisi.

**1917 – 100 sena**
L-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju ġiet sgraffjata u indurata mill-ġdid, aktarx mid-ditta Coleiro tal-Belt, sarilha stellarju ġdid fuq disinn ta' M. DeGiovanni, u nxtraw il-bradella u l-bankun li naraw illum mill-Kolleġġjata ta' Bormla. L-ispejjeż kollha nqasmu bejn il-fratellanzi tar-Rużarju u dik taċ-Ċintura.



**1922 – 95 sena**
Il-Prokuratur Dun Ġużepp Vassallo ġab minn Bari l-bust ta' Marija Addolorata li sab postu għall-qima tal-fidili fil-knisja parrokkjali.

**1927 – 90 sena**
Inħadmet l-iskultura għall-bibien kollha tal-knisja parrokkjali, aktarx fuq disinn tal-magħruf Abraham Gatt.

**1947 – 70 sena**
Ix-xogħol tal-bini kompla u f'din is-sena ssaqqfet il-korsija sal-arkun tal-pilastri maġġuri u tlestew in-navi tax-xellug. Dan ix-xogħol kollu tbierek fid-9 ta' Marzu mill-Isqof Emmanuele Galea. Inbena ħajt proviżorju bejn iż-żewġ pilastri maġġuri tal-korsija biex il-parti li kienet lesta tibda sservi għall-ħtiġijiet tal-poplu t'Alla.



Dun Innoċenz Borg ħallas minn butu l-parti ta' fuq tal-battisteru, xogħol fl-irħam li juri l-Magħmudija ta' Kristu. Dan it-tibdil sar wara li kienet tneħħiet il-piramida tal-injam li kien hemm sa żmien il-gwerra.

Wara l-ħerba tal-gwerra sar xogħol ta' restawr fuq il-vari tal-Ġimgħa l-Kbira li wħud minnhom, fosthom il-Marbut u l-Monument ġarrbu ħsarat kbar. Il-vara tal-Marbut li naraw illum inħadmet minn Karmnu Mallia (il-Lhudi) f'din is-sena, waqt li sar xogħol ta' restawr fuq il-vari l-oħra minn Anthony Said u Ġużeppi Caruana (il-Marċjol). L-urna tal-monument ġiet irranġata minn A. Giusti tal-Birgu u ndurata minn P. Bugeja u W. Attard tar-Rabat.

**1962 – 55 sena**
Il-knisja parrokkjali l-ġdida reġgħet ġiet ikkonsagrata mill-ġdid nhar is-26 ta' Settembru ta' din is-sena lill-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi.F'din is-sena wkoll, il-pittur Għawdxi l-Kav. Paolo Camilleri Cauchi pitter żewġ kwadretti laterali għall-kappella ta' Santa Marija. Dawn jirrappreżentaw lil Sant'Anjeże V.M. u lil San Alwiġi Gonzaga. Dawn iż-żewġ xogħlijiet huma meqjusa bħala l-ewwel xogħol sagru tal-pittur Camilleri Cauchi fil-knejjes Maltin.









### 1967 – 50 sena



Fil-festa ta' Sant'Andrija ta' din is-sena żżanżan l-orgni l-ġdid, li nħadem mid-ditta Vincenzo Mascioni tal-Italja u sewa 5,000 lira sterlina. Dan l-orgni fih fost l-oħrajn ħmistax-il reġistru reali u tnax-il reġistru mekkaniku, u jaħdem bl-elettriku.

### 1977 – 40 sena

Għall-kappellun tal-Agunija, il-Kav. Paolo Camileri Cauchi pitter żewġ kwadri laterali oħra, din id-darba jirrappreżentaw il-Magħmudija ta' Sidna Ġesù Kristu u d-Dehra ta' Kristu Rxoxt lil Santa Marija Maddalena.



### 1997 – 20 sena

Għall-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira nħadmet statwa ġdida tad-Duluri, xogħol l-artist Renzo Gauci. Din tħallset mill-Kan. Karm Zammit. Sar ukoll xogħol ta' restawr fuq l-istatwa tar-Redentur minn Renzo Gauci kif ukoll fuq il-korp ta' Kristu Mejjet tal-monument. Ġużeppi Galea ħadem ukoll bankun ġdid għall-istatwa tar-Redentur li tħallas mir-reffiegħ tal-istess statwa.



### 2007 – 10 snin

F'Diċembru ta' din is-sena, il-Maltapost p.l.c. flimkien mal-Vatikan ħarġu sett ta' bolli għall-Milied bix-xbieha tan-Nativitá li tinsab fil-Knisja Parrokkjali, xogħol Giuseppe Calì.

### 2012 – 5 snin

F'nhar il-21 t'April Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P. innominha bħala Kappillan tal-Parroċċa ta' Ħal Luqa lil Dun Gordon Regalo, (il-Kappillan preżenti) u ħa l-Pussess nhar l-Erbgħa 21 ta' Ġunju.




**Referenzi**:
Zammit, Neil – Ħal Luqa 375 sena ta' fidi u kultura nisranija, 2009

**Ritratti**:
Websajt uffiċjali tal-Parroċċa – www.luqaparish.com
Paġna uffiċjali tal-Parroċċa fuq Facebook – Parroċċa Sant'Andrija Ħal Luqa





